MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru 506/2013

**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**

**VS**

**GIUSEPPE CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Giuseppe Cassar ta’ 55 sena, bin George u Katrina nee’ Borg, mwieled Zejtun fis-17 ta’ Settembru 1959, residenti 8, Kons Garage, Triq Abdusir, Marsaxlokk u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 646859M;

Talli fil-5 ta’ Marzu 2012 u fix-xahar ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1) B’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wara haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn €4,000 ghad-detriment ta’ Joseph Debono detentur tal-Karta tal-Identita’ 726362M;

2) Ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz;

3) Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, meta mhux ufficjal jew impjegat pubbliku b’ abbuz ta’ awtorita’, jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

4) Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-artikolu 185 tal- Kap 9 a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kap 9;

5) Ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifkazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klwasoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

6) Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikoli 183 tal-Kodici Kriminali;

7) Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-Artikoli 188 tal-Kodici Kriminali;

8) Kif ukoll talli kiser il- kundizzjoni liema kundizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' Mejju 2009 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

9) Ukoll talli sar recidiv b' sentenzi moghtija mill-Qorti kriminali tal-appell datata 3 ta' Novembru 1994 u l-Qorti tal-Magistrati (Malta)

datata 22 ta' Gunju 2010 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fit-2 ta' Marzu 2012, certu Joseph Debono kien dahal f'konvenju mal-imputat li permezz tieghu Debono kien ser jixtri garaxx f'Marsaxlokk. Fuq l-istess ftehim Debono hallas erbat elef Ewro (€4,000) permezz ta' cekk lill-imputat, izda mir-ricerki rrisulta li l-garaxx mertu tal-bejgh ma kienx tal-imputat. Di fatti, l-imputat kien ippresenta kopja ta' testment li kien juri li l-garaxx imsemmi kien tieghu b'wirt, izda mir-ricerki li saru wara li kien gie ffirmat l-istess konvenju u kien sar il-hlas relattiv, irrisulta li l-istess testment kien wiehed falz. Ghalhekk Debono ghamel rapport lill-Pulizija u l-imputat kien gie mitkellem mill-Ispettur Aquilina, fejn kien irrilaxxa stqarrija fit-18 ta' Jannar 2013, fejn kien ammetta li kien iffalsifika

t-testment halli jiehu l-flus ghax kellu d-dejn ma’ terzi u ried ihallashom. Ghalhekk inbdew dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien effettivament iffalsifika testment biex juri provenjenza falza jew titolu fuq proprjeta’, sabiex ikun jista’ jiehu l-flus minn ghand Debono. Dan hu l-kaz klassiku tal-frodi, fejn persuna tohloq makkinizzazzjoni sabiex tqarraq b’haddiehor. It-testment falz, li l-imputat ammetta li ghamlu hu, kien biss mezz ghall-fini. L-oggett proprja kien li l-imputat jithallas ammont ta’ flus sabiex jifdi dejn li kellu. Hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jbiegh il-garaxx in kwistjoni, l-anqas kellu t-titolu tal-proprjeta’ f’ismu. Ghalhekk dak kollu li ghamel l-imputat kien semplicement biex iqarraq b’Debono.

Apparti l-konfessjoni shiha li hemm fl-istqarrija tal-imputat, il-Prosekuzzjoni tellghet il-provi kollha taghha li jikkorroboraw bis-shih it-tezi taghha. Ghalhekk gie prodott Joseph Debono li spjega kif l-imputat kien webblu jixtri dan il-garaxx, u kif insista mieghu biex il-flus li kellu jhallas fuq il-konvenju bhala depositu kellu jafdahom f’idejn l-imputat u mhux jaghtihom lin-nutar kif suppost kellu jaghmel. Xehed in-Nutar Tonio Spiteri kif ukoll l-iskrivan tieghu Louis Camilleri, li kkonfermaw dak li gara mal-firma tal-konvenju u malli bdew ir-ricerki raw li t-testment kien wiehed falz. Xehed ukoll in-Nutar Reuben Debono, dak li suppost iffirma t-testment falz, u qal li dak it-testment ma setax ghamlu hu ghax fis-sena li suppost sar, fl-1980, hu kellu biss sentejn eta’. Xehdet ukoll rappresentant tal-HSBC li esebiet kopja tac-cekk imsarraf li permezz tieghu Debono kien hallas lill-imputat. Il-provi l-ohra kollha

jikkorroboraw din il-verzjoni ta’ fatti, oltre l-prova regina tal-istqarrija tal-imputat fejn hu kien ammetta li ghamel dan kollu ghall-flus. In sostenn ta’ dan kollu gew esebiti diversi dokumenti fl-atti tal-kawza, u kollha gew konfermati bhala veracita’ taghhom.

L-imputat ghazel li ma jixhedx f’din il-kawza, ghalkemm xi xhur wara gieh ripensament u talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jixhed, liema talba giet michuda peress illi l-kawza kienet gia’ imhollija ghat-trattazzjoni. Ghalhekk, il-provi prodotti huma kollha univoci u bl-ebda mod m’huma kontradetti. Kollox jindika li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, bir-reat principali jkun dak ta’ frodi u r-reati l-ohra jigu komprizi u nvoluti f’xulxin, u saru bhala mezz ghall-fini tar-reat ta’ frodi.

Kwantu ghall-piena, jidher li l-imputat ma jridx jitghallem. Ghandu fedina penali titkellem wehidha, u minnflok qabad ifittex jara kif ser jaghmel biex ibiddel hajtu, webbes rasu u ppersista f’ attivita’ kriminali. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ma jisthoqlu xejn ghajr piena ta’ prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 17, 31, 49, 50, 533, 18, 308,309, 310(1)(a), 188, 185(2), 186, 183, 184, 189 tal-Kap 9 u Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' erba' snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------